**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 44 - IT-TLIETA 5 TA' APRIL 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fis-19:47) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fis-19:51) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Brincat ippropona emenda fil-minuti biex eżatt wara para. 8.1. jiddaħħal paragrafu ġdid innumerat 8.2 li jgħid *"Il-Kunsillier Brincat esprima li din it-triq m'għandiex tingħata daqshekk importanza u kien aktar jagħmel ġid jekk tittella' aktar il-fuq Triq il-Markiz Scicluna. Huwa qal li din it-triq għandha bżonn akbar ta' tiswija u m'għandniex inġibu skuża li m'għandniex biżżejjed fondi. Is-Sur Brincat sostna li dan qed jiġri wkoll fil-każ tal-ilmenti li l-Kunsill dejjem jgħid li m'hemmx fondi iżda meta tasal elezzjoni l-flus jinstabu u jkunu solvuti ħafna ilmenti. L-ilmenti għandhom jingħataw dejjem l-istess priorità tul is-sena kollha u mhux meta tasal l-elezzjoni, saħaq is-Sur Brincat."* Konsegwentament in-numri tal-paragrafi minn 8.2 sa 8.5 jinbidlu biex isiru minn 8.3 sa 8.6. Il-Kunsill qabel.

1.3. Is-Sindku ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Sammut issekondaw. Il-minuti ġew approvati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1. Il-Viċi Sindku staqsiet dwar punt 3.1 fir-rigward tat-talba biex Triq Guzeppi Stivala ssir one way. Is-SE infurmaha li l-Kunsill qed jikkorispondi ma' TM dwar il-każ. Il-

Kunsillier Sammut informa li kien hemm xi residenti li ġibdulu l-attenzjoni li hemm xi garaxxijiet angulati u għalhekk ċertu direzzjonijiet jagħmilha impossibli għalihom li jaċċessaw il-garaxx bil-vettura. Is-SE wieġeb li dawn id-dettalji imbagħad joħorġu mill-konsultazzjoni mar-residenti wara li titressaq il-proposta.

2.2. Il-Viċi Sindku irreferiet għall-punt numru 8.3 u b'mod partikulari għal Triq J Howard. Hija ppreżentat ritratti tal-istat tat-triq u sostniet li xogħol ta' tiswija fit-triq ma sarx. Hija staqsiet f'liema prijorità tinsab fuq il-lista filwaqt li s-SE wieġeb li, wara li sar ix-xogħol fuq l-ewwel tliet toroq mil-lista, issa tinsab fit-12-il post. Hija saħqet li din għandha tingħata prijorità.

2.3. Staqsiet ukoll dwar il-mizura ta' *one way* fit-toroq ta' ħdejn Scotts Supermarket. Is-SE infurmaha li kien se jgħamel l-evalwazzjoni tar-risposti mingħand ir-residenti biex wara jiġu ppreżentati lill-Kunsill.

2.4. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar punt numru 7.2 rigward il-proposta ta' Triq il-Forġa. Is-SE infurmah li kien se jiċċekkja u jinfurmah lura.

2.5. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien it-19:47.

2.6. Il-Viċi Sindku saqsiet ukoll dwar it-tabelli tal-ħwienet. Is-SE infurmaha li għaddej il-proċess tax-xogħol fuqhom.

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

3.1. Is-SE informa li kien iltaqa' l-Kumitat tal-Finanzi u ttieħdu xi deċiżjonijiet. Fir-rigward tat-*totem signs* tan-negozji l-Viċi Sindku u hu kienu raw xi kampjuni u kien hemm il-qbil li jipproċedu bil-kuntratt.

3.2. Fir-rigward tal-*Cold Asphalt*, intgħażlet l-offerta tal-Bitmac, li kienet l-irħas offerta.

3.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sciberras. Il-ħin kien it-19:51.

3.4. Fir-rigward tal-ġbir ta' skart imħallat kien hemm qbil li tkun pubblikata sejħa għall-offerti urġenti għal servizz ta' 6 xhur, biex fil-frattemp il-Kunsill ikun jista jaħdem sew fuq kuntratt ta' 3 snin. Il-perjodu tal-pubblikazzjoni għandu jkun l-inqas possibli.

3.5. Fir-rigward tal-kuntratt tal-Handymen, se jippruvaw jaħdmu fuqu kmieni u l-pjan hu li jiddiskutu l-kuntratt eżstenti biex jaraw hemmx bżonn li jintranġaw jew inkella jiżdiedu jew jitnaqqsu xi klawsoli.

3.6. Is-SE fakkar fl-iskema tal-WEEE. Informa li bħala assoċjazzjoni, l-ANSEK ippruvaw jiddiskutu mad-Dipartiment mingħajr ma waslu għal soluzzjoni. Kompla billi spjega li kien hemm offerta mingħand il-GreenMT biex jiġbru l-affarijiet mingħajr ma jieħdu ħlas, iżda d-Dipartiment ċaħħad lill-Kunsilli Lokali milli jidħlu f'tali ftehim.

3.7. Sadanittant is-SE ressaq email mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill Dimbros fejn kien qiegħed isostni li għandu jingħata kumpens addizzjonali. F'dan l-istadju is-SE kiteb lid-Dipartiment u qed jistenna risposta.

3.8. Is-SE fakkar fl-iskema biex tiġi impjegata persuna b'diżabilità. Informa ukoll li l-Kunsill kien irċieva lista ta' kandidati u kellu jibda l-proċess ta' intervisti. Kien hemm il-qbil li l-kumitat tal-għażla jkun iffurmat mis-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Gatt u Cuomo kif ukoll is-SE.

3.9. Is-SE informa li kienet waslet korrispondenza dwar l-inizjattiva *light up the night*, biex jiżdied l-għarfien dwar tipi ta' mard speċifiċi, din is-sena Myalgic Encephalomyelitis (ME), Fibromyalgia (FM) u Multiple Chemical Sensitivity (MCS). Kunsill jista' jagħżel wieħed minn tliet kuluri li jirrapprezentaw kull waħda mill-mardiet, blu, vjola u aħdar.

3.10. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li jsir bħas-sena li għaddiet u tiddawwal il-faċċata tal-Kunsill.

3.11. Is-Sindku infurmat li kienet waslet korrispondenza mingħand il-MEPA b'talba biex il-Kunsill jaħtar rappreżentant biex ikun parti minn bord li se jieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni li saret. Din l-applikazzjoni tirrigwardja żvilupp ta' pompa tal-petrol fi Triq il-Kosta.

3.12. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li r-rappreżentanta tkun il-Viċi Sindku, u l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li m'hemmx oġġezzjoni sakemm hemm kollox skond il-liġi.

3.13. Il-Kunsillier Cuomo ppreżentat il-minuti ta' laqgħa li kienet preżenti għaliha tal-Kumitat għall-Monitoraġġ tal-Ambjent, annessi f'A.

3.14. Il-Kunsillier Cuomo infurmat ukoll li saret laqgħa mal-Inġiniera dwar il-Ġnien Santa Marija tal-Anġli ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. F'din il-laqgħa intlaħaq qbil li l-Kumitat Amministrattiv se jgħin mill-aħjar li jista' f'dak li għandu x'jaqsam ma kontroll tal-kuntratti tal-ġnien.

3.15. Il-Viċi Sindku infrumat li attendiet laqgħa dwar it-trasport pubbliku mal-Kunsillier Gatt. Hija infurmat li se jiġu implimentati rotot ġodda f'Ġunju.

3.16. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li l-ELC kienet għamlet manutenzjoni tal-ġonna u hi kienet fasslet rapport li ppreżentat lil Kunsill, anness f'B.

3.17. Il-Viċi Sindku infurmat li quddiem il-ħanut Floreal ġewwa Labour Avenue kien hemm 3 siġriet li inqalgħu, minflokhom tpoġġew siġar tal-Milied, li wara li għadda żmien il-Milied, inqalgħu u ntremew. Fil-post issa tħawwlu arbuxelli oħra. Biex jerġgħu jitpoġġew ficus oħrajn l-ispiża titla' għal €118 kull siġra iżda bħalissa ELC għandhom tnejn biss. Il-Kunsill qabel li jħawwilhom.

3.18. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li ħdejn l-istatwa tal-Madonna fil-Pjazza se jitneħħew is-sisien tal-ħaxix u minflok se jitħawlu fjuri li jikkumplimentaw l-arma tan-Naxxar li hemm fil-viċin mgħamulha mill-fjuri. ELC ipproponew li jħawwlu hedge magħmula mill-pjanti *metrosideros.*

3.19. Il-Viċi Sindku fakkret lill-Kunsill fil-kampanja intitolata Familja Attiva. Kompliet billi tgħid li d-dati stabbiliti kellhom jinbidlu minħabba li ma kienx hemm biżżejjed ċans biex isir xogħol biex tibda l-kampanja. Id-dati l-ġodda li ġew mgħażula huma il-15 u 16 ta' Mejju 2016.

3.20. Kompliet tispjega kif bi ħsiebha tinvolvi kemm tista l-għaqdiet tal-lokalita. Kien hemm il-qbil li l-Viċi Sindku għandha tibda tikkomunika mal-għaqdiet bl-email u kull Kunsillier li għandu xi suġġeriment ta' x'jista jsir bħala parti mill-kampanja għandu javviċinaha.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

4.1. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'Ċ.

4.2. Il-Kunsill approva ukoll il-listi ta' dħul u infiq għax-xahar ta' Frar, kif annessi f'D u E rispettivament.

## 5. TALBA GĦAL ONE WAYS TRIQ IL-ĦABBATA / MINFAĦ

5.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li dawn it-toroq isiru one way billi jibda l-proċess tas-soltu ta' konsultazzjoni mar-residenti u wara t-talba formali lil-TM.

## 6. PJAN GĦAL TISBIEĦ U RI-ORGANIZZAZZJONI TAL-PJAZZA

6.1. Il-Kunsillier Brincat ressaq il-mozzjoni kif annessa f'F.

6.2. Is-SE informa lill-Kunsill li f'laqgħa dwar l-ERDF, kien infurmat li se jinfetħu żewġ applikazzjonijiet li jinteressaw lill-Kunsill. Waħda dwar enerġija alternattiva u l-oħra dwar restawr.

6.3. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jikkunsidra japplika bil-pjanijiet tal-pjazza li diġà għandu f'idejh il-Kunsill.

6.4. Il-Kunsillier Brincat talab li tiġi sospiża l-laqgħa minħabba ċerta informazzjoni li kien se jaqsam mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

6.5. Il-laqgħa ġiet sospiża temporanjament u l-mikrofoni intfew. Il-ħin kien l-21:45.

6.6. Il-laqgħa tkompliet, il-ħin kien l-21:56.

6.7. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-Kunsill jara l-legalità u l-metodu ta kif għandha tinħareġ sejħa għall-interess, u possibilment għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 7. IL-KUNTATT

7.1. Il-Viċi Sindku elenkat xi affarijiet li ġew suġġeriti waqt laqgħa tal-Kumitat tan-Negozji dwar kontenut fil-Kuntatt. L-affarijiet li ssemmew kienu l-possibilità li jsiru white pages tal-ħwienet; biex il-Kuntatt jiġi distribwit fil-lokalitajiet tal-viċinanzi ukoll; li jiġi ppublikat tliet darbiet f'sena u li għandha tamministrah kumpanija privata.

7.2. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-Kunsillier Sciberras jibqa' jaħdem fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill, u l-pubblikazzjoni li jmiss għandha tkun imqassma sal-aħħar ġimgħa ta' Awwissu biex tkun fil-ħin qabel il-Festa tal-Vitorja.

## 8. PROPOSTA GĦAL FTEHIM GĦALL-ĠBIR TA' SKART TA' APPARAT ELETTRIKU U ELETTRONIKU

8.1. Minħabba direttiva mid-DLG il-Kunsill qabel li ma jkunx hemm skop li jiddiskuti dan is-suġġett qabel ma tali direttiva tinbidel.

## 9. ŻIEDA FIL-LISTA TA' PRIJORITAJIET TAT-TOROQ (SQAQ L-IMNIEQA U TRIQ GWIEDJA)

9.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li Sqaq l-Imnieqa u Triq Gwiedja għandhom jiżdiedu fl-aħħar tal-lista.

## 10. TMIEM IL-LAQGĦA

10.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2016.

10.2. Il-laqgħa intemmet fil-22:29.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |